**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a u jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin biss bħala gwida għall-eżaminaturi u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-EŻAMINATURI BISS

## 1. L-Isports fis-Sajf

- Is-sajf ta' Malta u s-sajf barra minn Malta: mhux l-istess ħaġa, mhux l-istess sports.
- Tagħmel sport fis-sajf?
- It-temp jgħin jew ma jgħinx? Skont l-isport li tagħmel...
- Hemm sports li n-nies jipprattikaw fis-sajf li jħallu impatt negattiv fuq l-ambjent naturali, u sports li ma jagħmlux ħsara. Tista' ssemmi ftit minnhom u titkellem fuqhom?
- Liema huma l-aktar popolari f'Malta?
- Ġieli ħriġt bil-kayak jew bil-kenura?
- Ġieli ħriġt bil-windsurfer jew b'dgħajsa tal-ibburdjar?
- Għalik l-għawm huwa sport jew attività biex tirrilassa, tistrieħ?
- It-tobba sikwit isemmu l-għawm bħala terapija. Taqbel?
- Taqbel li l-waterpolo huwa l-isport l-iktar segwit f'Malta fis-sajf?
- Il-beach volley għadu mhux popolari ħafna f'Malta. Taħseb li għandu futur?
- It-tennis tqisu bħala sport ideali għas-sajf?
- Ġieli tmur il-gym biex titħejja għal xi sport partikulari, jew biex tagħmel attività fiżika fl-arja kkundizzjonata?
- Inti tassoċja l-isports mas-saħħa fiżika u mas-saħħa mentali? Taħseb li l-isport jista' jagħmel il-ħsara wkoll, speċjalment fis-sajf?
- It-Tazza tad-Dinja tal-futbol dejjem tintlagħab fis-sajf. Taqbel li għandu jkun hekk?
- X'taħseb dwar il-pjan li t-Tazza tad-Dinja tal-futbol tal-2022 fil-Qatar tintlagħab fis-sajf?

## 2. Bajjiet għall-Bnedmin u Bajjiet għall-Klieb

- Taf bihom ir-regoli l-ġodda dwar fejn jistgħu jgħumu l-klieb?
- Taħseb li hu ġust li s-sidien tal-klieb ikollhom jieħdu lill-klieb tagħhom f'bajjiet apposta?
- Għaliex taħseb li warrabna lill-klieb minn qalb in-nies? Wara kollox, is-sidien jinżlu jgħumu mal-klieb...
- Taf fejn huma dawn il-postijiet? Dan is-sajf il-bajjiet għall-klieb żdiedu.
- Taqbel li l-annimali ma jitħallewx jidħlu f'ristoranti, ħwienet tal-ħwejjeġ, teatri, supermarkets, u stabbilimenti pubbliċi oħrajn? Għaliex?
- Dawn ir-regoli x'juru dwar kif inħarsu lejn ir-relazzjoni bejn il-bnedmin u l-annimali?
- Aħna nqisu lill-annimali bħala maħmuġin u l-bnedmin bħala nodfa?
- Hemm ukoll iż-żwiemel. Dawn għandhom jiġu ttrattati bħall-klieb?
- Taħseb li jkun aħjar jekk ikun hemm iktar interazzjoni bejn il-klieb u n-nies, u mhux inqas?
- Tħoss li bħala poplu nittrattaw tajjeb lill-annimali li jgħixu fostna?

## 3. Il-Krudeltà u l-Esperjenzi tal-Ħajja

- Tista' tkun bniedem tajjeb u bniedem krudili fl-istess ħin?
- X'jiġifieri krudeltà?
- Tista' ssemmi kategoriji differenti ta' krudeltà: psikoloġika, emozzjonali, fiżika?
- Hemm krudeltà li sseħħ fuq medda ta' żmien, u krudeltà tas-saħna tal-mument. Taqbel?
- Hemm differenza morali bejn krudeltà fuq medda ta' żmien u krudeltà fis-saħna tal-mument?
- X'jikkaġuna l-krudeltà?
- Taħseb li persuna titwieled tajba u ssir krudili minħabba l-esperjenzi qarsa tal-ħajja?
- Jew nitwieldu bit-tjubija u l-krudeltà diġà miżrugħin fina bħala bnedmin?
- Iddejqek il-krudeltà fil-films, fil-letteratura?
- Il-krudeltà ta' bniedem fuqu nnifsu?
- Il-krudeltà lejn bnedmin oħrajn, lejn l-annimali... Moralment huma l-istess? Ħżiena ndaqs?
- Jekk persuna tkun krudili ma' annimal il-pass li jmiss hu li tkun krudili mal-bnedmin?
- Persuna tista' tkun krudili mal-bnedmin imma mhux mal-annimali?
- Xi jfisser li tkun tajjeb jew twajjeb, tajba jew twajba? Huma l-istess ħaġa?
- Tista' ssemmi kategoriji differenti ta' tjubija?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-Isports fis-Sajf

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2014 |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Bajjiet għall-Bnedmin u Bajjiet għall-Klieb

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2014 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Krudeltà u l-Esperjenzi tal-Ħajja

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | il-5 ta' SETTEMBRU 2014 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. L-iżball u l-maħfra.
2. Kieku Malta mhix gżira...
3. Bil-flus tagħmel triq għall-qabar.
4. Taqbel mal-ikkupjar ta' films, kotba u mużika minn fuq l-internet?
5. Il-poter għaliex dejjem jitlgħalna għal rasna?

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 arka*

6. Fid-dizzjunarju tal-Malti hemm ġabra kbira ta' kliem li llum jitqies għalkollox Malti. Iżda mbagħad insibu wkoll li dan għandu oriġini differenti. Ikkummenta.
7. Tarcisio Zarb jikteb li "l-lingwa hija fenomenu tal-għaġeb li minnha nnifisha għandha biżżejjed mekkaniżmi li permezz tagħhom issawwar, tibni u tifforma strutturi bażiċi ta' formazzjonijiet lessikali li għandhom tifsira." Ikteb dwar dawn il-mekkaniżmi morfoloġiċi.
8. Xi jrid ifisser Ġorġ Doublesin meta jikteb li "s-semantika hi l-livell lingwistiku li jistudja t-tifsir"? Ikkummenta dwar xi bidliet li jistgħu jseħħu fit-tifsir tal-kliem matul iż-żmien.

*aqleb*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

9. Kemm il-poeżija Maltija ta' qabel l-Indipendenza u kemm dik ta' warajha jagħtu interpretazzjoni tal-ġens Malti. Iddiskuti.

10. Il-pajsaġġ kif jirrappreżentawh il-poeti Maltin sikwit huwa mifhum bħala ħolqien u rifless ta' intervent divin. Iddiskuti.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

11. Fi studju dwar Francis Ebejer, Marco Galea jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fid-dramm *Menz* ħafna mill-karattri m'għandhomx isem. X'inhuma l-effetti ta' din l-għażla stilistika fuq il-mod kif ninterpretaw dan id-dramm?

12. Fl-ewwel att tad-dramm ta' Francis Ebejer, Menz jistaqsi: "Imma għax ma jersqux iktar lejja jekk iridu jarawni sewwa?" Razz iwieġbu li n-nies jagħmlu hekk għax "jibżgħu" minnu. "Int m'intix tas-soltu," jgħidlu. Ikkummenta.

13. "Leli ħrax; qalbu ssammet; moħħu ċċajpar; u wasal f'dak l-imkien li fih il-bniedem jibda jqis lill-ġid u lid-deni b'qies wieħed; għalih it-tajjeb u l-ħażin isiru bħallikieku żewġ friegħi minn zokk wieħed; u fil-fehma tiegħu jibdew jiżnu ndaqs." X'tikkummenta dwar din is-silta mill-aħħar parti tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer?

14. Ir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer jitqies bħala rumanz soċjali u realista, u fl-istess ħin bħala xogħol li jrid jgħallem lill-qarrejja tiegħu. Taqbel ma' dawn l-interpretazzjonijiet ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*?